



Brussell, 10 ta' Marzu 2021
(OR. en, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)

6692/21
ADD 5

CODEC 306
RECH 83
COMPET 147
IND 48
MI 131
EDUC 69
TELECOM 86
ENER 61
ENV 117
REGIO 32
AGRI 107
TRANS 110
SAN 103
CADREFIN 111
IA 30

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni minn Franza

Franza tilqa' l-ambizzjoni tal-programm il-ġdid tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa, u tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi dan il-programm.

Madankollu, aħna ntennu r-riżerva tagħna fir-rigward tar-referenza għall-"prinċipju ta' innovazzjoni", fil-premessa 6.

Filwaqt li nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-liġi tal-UE fuq l-innovazzjoni, f'konformità mal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, aħna nenfasizzaw li ma hemm l-ebda definizzjoni legali tal-"prinċipju ta' innovazzjoni", għall-kuntrarju tal-prinċipju ta' prekawzjoni, li hija rikonoxxuta mit-Trattati (l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u fil-ġurisprudenza (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) tad-9 ta' Marzu 2010 fil-Kawża Magħquda C-379/08 u C-380/08, *ERG et*, u tal-1 ta' Ottubru 2019 fil-Kawża C-616/17, *Mathieu Blaise et*).
